**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar l-Ergha, 14 ta' Gunju 2017**

**Talba Nru: 8/17 CZ**

**Joseph (ID 242634 (M) u Lucrezia sive Grace (ID 802437 (M) konjugi Montebello**

**vs.**

**Walter (ID 499748 (M) u Nadia (ID 194552 (M) konjugi Zammit**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba ta' l-atturi mressqa fl-10 ta' Jannar 2017 fejn talbu lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenuti jhallsuhom is-somma ta' elf, seba' mija u hamsin Euro (€1,750), dovuti ghas-segwenti ragunijiet:

Illi l-attur silfu s-somma ta' elf tmin mija u hamsin Euro (€1,850) lill-konvenut permezz ta' skrittura datata 30 t'April 2016 fjn l-istess somma kellha tithallas kollha f'daqqa sa l-ahhar ta' Mejju 2016.

Illi minn din is-somma thallset biss is-somma ta' mitt Euro (€100).

Illi minkejja li intepellati divesi drabi sabiex jithallas il-bilanc rimanenti, l-intimati baqghu inadempjenti.

Illi l-atturi jitolbu l-hlas ta' l-ammont rimanenti cioe' elf seba' mija u hamsin Euro (€1,750). Bl-ispejjez tal-prezenti u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.

Ra li l-konvenuti, debitament notifikati, ma pprezentawx risposta u lanqas dehru quddiem it-Tribunal fl-ebda seduta.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tat-12 ta' Gunju 2017.

Ikkunsidra l-fatt illi l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrispondu ghall-Kapitolu. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba ta' l-atturi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-atturi s-somma ta' elf seba' mija u hamsin Euro (€1,750), bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata ta' din il-kawza sal-hlas effettiv. L-ispejjez ghandhom jithallsu mill-konvenuti.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur